**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Lulju 2022**

**<u>Rikors nru : 630/2021 AGV</u>**

**Fb**

**vs.**

**Ma**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors tal-istess fb , karta tal-identita' numru 5686(G) datat 21 ta' Dicembru 2021 ;**

**Tesponi bir-rispett is-segwenti fatti u liema fatti qeghdin jigu kkonfermati bil-gurament taghha:**

1. Illi hija zzewget lill-intimat fil-25 ta' Jannar 2010 u dan iz-zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku - Malta u jgib in-numru progressiv 518/2010 (vide l-estratt relattiv hawn anness u mmarkat **Dok. A**);

2. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment snin ilu, u l-partijiet bdew jghixu separatament minn xulxin u kienu *de facto* separati b'effett mill-25 ta' Jannar 2017. Minn dakinhar 'il quddiem ma kienx hemm rikonciljazzjoni;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla u senjatament MA1 illi llum ghadha minorenni;

4. Illi l-kontendenti kienu mbaghad effettivament isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni personali tas-16 ta' Settembru 2018 fl-atti tan-Nutar Francesca Micallef Sammut (vide kopja hawn annessa u mmarkata bhala **Dok B**);

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment bejn il-partijiet li jistghu b'xi mod ixekklu lill-esponenti milli tipprocedi b'din l-istanza;

7. Illi ghaldaqstant il-kontendenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

8. Illi l-esponenti tixtieq u trid li tottjeni l-hall taz-zwieg taghha minn mal-intimat;

**Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:**

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat,

u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

**Rat ir-risposta tal-istess MA datata 28 ta' Gunju 2022 ;**
li permezz taghha jiddikjara li huma mhux jopponi ghat-talba tad-divorzju promossa minn martu Fiona Bezzina, purche l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

<u>DECIDE :</u>

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**